MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 709/2010

**Helen Camilleri (ID 1116747M)**
**u Maryann Camilleri (ID 917244M)**
**bhala eredi ta'Joseph Camilleri**

**Vs**

**Raymond Scicluna (ID 331058(M)**
**u Joan Scicluna (ID 279860(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Gunju 2010, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u wiehed u hamsin Ewro (€1151.00), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra legali ta 7 ta April 2010 u ittra ufficjali 166A numru 993/2010.

Ra n-nota ta ammissjoni ipprezenttata fis-seduta 15 ta frar 2011 mill-kosulent legali tal-konvenuti illi permezz taghha il-konvenuti ammettew tal-attrici;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma ta’ elf mija u wiehed u hamsin Ewro (€1151.00), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------